**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

20 ta' Marzu, 2022

# PAPA FRANĠISKU

Il-Papa Franġisku għandu jiġi Għawdex fit-2 t'April. L-għada se jqaddes fuq il-Fosos tal-Furjana fl-10:15a.m. Il-Papa Franġisku, li twieled fl-1936, ilu jmexxi d-dgħajsa ta' Pietru sa mill-2013. F'dik is-sena kien mar jiċċelebra Ħamis ix-Xirka f'ħabs Ruman. Waħda mill-appostli kienet tfajla Musulmana, li wara l-unzjoni qalet: "Din kienet l-ewwel darba f'ħajti fejn ħassejt li xi ħadd ħabbni tassew".



Il-Papa huwa mill-Arġentina u qabel ma ġie Ruma kien l-Isqof ta' Buenos Aires. Dejjem kellu għal qalbu l-fqar u jisħaq kontinwament li għandna nkunu Knisja li tingħata għal min hu marġinalizzat. Dan il-bniedem mgħobbi b'responsabbiltà kbira huwa kapaċi li bl-Ispirtu li għandu fih, jibqa' ferħan, ħieles fil-mod kif jitkellem u umli minkejja li hu l-Papa.

Dritt wara li kien sar Papa kien qal lil grupp ta' ġurnalisti li ċ-ċentru veru tal-Knisja mhuwiex il-Papa, imma Ġesù Kristu.

Meta fl-1955 kien qal lil ommu li kien se jidħol is-Seminarju, ommu Reġina, intilfet u rrabjat għat-tifel Ġorġ, għax riditu jistudja u jsir tabib. Imnalla kien il-kappillan Dun Neriku li kkalma lil ommu u bidlilha fehmitha!

***L-Arċipriet***

**IL-PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA** se terġa' tibda ssir. Se tkun magħmula mill-vari kollha, wegħdi (ktajjen u slaleb), fratelli, banda u kleru. Fil-purċissjoni ta' din is-sena qed jiġu esklużi l-elementi ta' pageant.

**AVVIŻ:**

**FJURI TAL-VARI:** għall-fjuri li jsiru mal-vari, tistgħu tgħaddu l-offerta tagħkom lil xi saċerdot jew lil xi membru tal-Kumitat tal-Purċissjoni.

**TAL-KTAJJEN:** biex wieħed jieħu sehem irid ikun għalaq it-18-il sena u jinkiteb għand wieħed minn dawn il-persuni: Mario Bugeja, ċemplu wara s-7:00pm fuq 21558408, jew Dun Joe Cardona fuq 99847101.

**MUMENT IMPORTANTI TA' RIFLESSJONI:** dawk li jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira jkunu qed jagħmlu penitenza, billi jġorru piżijiet, fil-bard u forsi wkoll jgħaddu minn mumenti ta' mistħija. Biex inkomplu nagħtu valur lil din il-ġrajja, se jkollna mument ta' formazzjoni spiritwali għar-reffiegħa, forċini, tal-ktajjen u membri tal-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira. Niltaqgħu fil-Knisja Bażilika nhar l-Erbgħa 23 ta' Marzu fis-7:00pm. Il-kelliem se jkun l-Arċipriet. Il-laqgħa ddum nofs siegħa.

**AVVIŻI:**

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li nhar il-Ħamis 24 ta' Marzu, il-membri se jżuru l-Kappella tal-Madonna tal-Lunzjata. Jitilqu minn ħdejn iċ-Ċentru fid-9:30am. Ċemplu lil Tonina fuq 21553041/79923153.

**GĦALL-UKRAINA:** il-ġabra li saret għall-Ukraina, fil-ferta, telgħet għal €3,379.39. Grazzi lil kulħadd u l-Mulej ibierek lil min għen dan il-poplu mifluġ bil-gwerra. Ħafna minnkom qed jassistu u jaraw dak li għaddej minnu dan il-pajjiż bħalissa. Nitolbu għall-paċi, biex jieqaf dan il-massakru tal-innoċenti.

**IT-TABERNAKLU:** nhar it-Tlieta li għadda wasal it-tabernaklu li se jitwaħħal fil-prayer room ta' ħdejn Dar Imnarja. Nirringrazzjaw lill-persuna li trid tibqa' anonima li ħallset is-somma kollha ta' kemm ġie jiswa t-tabernaklu, li kienet ta' tlett elef ewro.

**ENGLISH CORNER**



In today's Gospel (Luke 13) we see how Jesus passed by a fig-tree and noticed that it did not bear fruit. Here in Gozo we see how our farmers water, prune, fertilize their trees expecting the latter to bear abundant fruit. Similiarly the Lord nurtures us spiritually and He expects us to repent and bear the fruits of good deeds.

Yay! Only two weeks to go until we meet our Pope Francis (2-3 April).

**IL-QUDDIES TAS-SIBT U L-ĦADD 2 U 3 TA' APRIL**

F'dawn il-jumejn li fihom il-Papa se jkun f'Malta u Għawdex is-Sibt 2/4 filgħaxija jkun hawn quddiesa waħda biss fil-Bażilika, fis-7:30p.m. Il-Ħadd 3 ta' April filgħodu l-aħħar quddiesa tkun dik tat-8:30a.m. U ssir quddiesa wkoll f'nofsinhar (12:00p.m.).

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am